# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 172/2023: **MUSTAFA ABUSEADAH (KI. 319503L) V. ASHRAF SHERIF MOHAMED ELSHENAWY (KI. 115230A)**

(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**27 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Mustafa Abuseadah (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2023[1] li permezz tiegħu talab li Ashraf Sherif Mohamed Elshenawy (imsejjaħ "l-intimat") jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> **'jħallas lir-rikorrent is-somma ta' sebat elef euro (€ 7,000) rappreżentanti l-ħlas ta' pagamenti dovuti lir-rikorrent mill-intimat a bażi tal-iskrittura ffirmata bejniethom, annessa u mmarkata bħala Dok A, dovuti mill-intimat lill-mittenti u rappreżentanti f'self mogħtija lilu *brevi manu* u liema ammont l-intimat kellu jħallas lura darba fix-xahar, fuq talba u a benefiċċju tal-intimat.**
>
> **Salv provvedimenti ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi.**
>
> **Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali 166A b'numru 1147/2023 u l-mandat kawtelatorju ppreżentat kontestwalment bin-numru 1174/2023 u imgħaxijiet legali mid-data tal-iskrittura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni'**

---

[1] Fol 1-3

wara li rat illi bl-Ordni *in camera* tagħha tal-14 ta' Lulju 2023 il-Qorti filwaqt illi appuntat il-kawża għall-provi tar-rikorrenti għall-20 ta' Novembru 2023, ordnat *inter alia* lill-intimat sabiex jekk jixtieq jikkuntesta t-talbiet jagħmel dan permezz ta' risposta entro għoxrin ġurnata min-notifika,[2]

wara li rat li minkejja li ġie debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-ordni *in camera* l-intimat naqas milli jippreżenta risposta,

wara li rat l-affidavit maħluf tar-rikorrent ippreżentat fil-5 ta' Frar 2024[3],

wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 il-kawża tħalliet għall-4 ta' Marzu 2024 għall-provi kollha tal-intimat[4],

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 l-avukati rispettivi talbu differiment sabiex jesploraw possibilita' ta' transazzjoni[5],

wara li rat li fis-seduta sussegwenti, ċioe dik tal-15 ta' April 2024 il-Qorti ġiet infurmata li ma ntlaħqet l-ebda transazzjoni u għalhekk il-kawża ġiet imħollija għas-27 ta' Mejju 2024 għall-provi kollha tal-intimat[6],

wara li rat li fis-seduta tal-lum l-intimat naqas milli jidher sabiex iressaq il-provi tiegħu u għalhekk il-Qorti filwaqt li ddikjarat il-provi tiegħu maqħluqa pposponiet il-kawża sabiex tingħata sentenza,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Fl-affidavit maħluf tiegħu ppreżentat fil-5 ta' Frar 2024[7] ir-rikorrent **<u>Mustafa Abuseadah</u>** xehed illi fid-29 ta' Marzu 2023 huwa kien sellef is-somma ta' € 7,003.30 lill-intimat skond ftehim li ffirmaw, liema somma kellha titħallas lura f'pagamenti rateali. L-intimat baqa' ma għamel l-ebda pagament.

2. Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 ir-rikorrent ippreżenta ukoll kopja ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 bin-numru 1147/2023 fit-12 ta' Mejju 2023, li

[2] Fol 4-5
[3] Fol 27
[4] Fol 14
[5] Fol 28
[6] Fol 29
[7] Fol 27

permezz tagħha huwa kien interpella lill-intimat sabiex iħallsu s-somma in kwistjoni[8]. L-intimat min-naħa tiegħu rrisponda permezz ta' nota ppreżentata fis-7 ta' Lulju 2023 illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li l-ammont mitlub m'huwiex ċert, likwidu jew dovut[9]. Ir-rikorrent ippreżenta ukoll dokument li juri t-trasferiment tal-ammont in kwistjoni lill-intimat.[10]

3. Fis-seduta tal-lum, 27 ta' Mejju 2024, li kienet riservata għall-provi tal-intimat, l-istess intimat naqas milli jidher u dan in-nuqqas, flimkien mal-mankanza tar-risposta, wassal lill-Qorti sabiex tiddikjara magħluqa l-provi tiegħu.

4. Skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'1070. (1) Iż-żmien ifisser iż-żmien stabbilit għall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni.**
>
> **(2) Iż-żmien jista' jiġi stabbilit sew billi jiġi ffissat jum żgur, sew b'riferenza għal ġrajja li għandha tiġri żgur, għalkemm f'jum mhux żgur.**
>
> **1072. Dak li ma jkollux jingħata ħlief fi żmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien, imma dak li jkun tħallas bil-quddiem, ma jistax jintalab lura lanqas jekk id-debitur fiż-żmien tal-ħlas ma kienx jaf bil-ftehim dwar iż-żmien.**
>
> **1079. Id-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien jekk isir mhux solvibbli, jew jekk l-istat tiegħu jkun hekk tbiddel li jqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, jew jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew jekk ma jkunx tah il-garanzija li kien wiegħdu.'**

5. Skond ir-rikors promotur, il-ftehim bejn il-partijiet kien illi s-somma mislufa ta' € 7,000 tiġi restitwita lura mill-intimat lir-rikorrent permezz ta' pagamenti kull xahar. Fl-affidavit tiegħu r-rikorrent kien inqas speċifiku meta qal illi s-somma (ta' € 7,003.30) kellha titħallas lura f'pagamenti rateali, mingħajr ma qal kemm kienu l-iskadenzi miftehma u kemm kienet is-somma li kellha titħallas kull xahar. Harsa lejn il-verżjoni Ingliża tal-ftehim turi illi l-ftehim kien illi *"The total amount of the Borrowed Money shall be due and payable within 18 months"* u illi *"The borrower*

---

[8] Fol 15-24
[9] Fol 25
[10] Fol 26

*agrees to repay the Borrowed Money to the Lender under a payment schedule within the agreed 18 months"*[11].

6. Jidher fuq bilanċ ta' probabiltajiet għalhekk illi l-partijiet kienu ftehmu illi l-ammont kellu jiġi mħallas f'pagamenti rateali fuq medda ta' tmintax-il xahar. Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, inkluż ta' dak illi hemm imniżżel fir-rikors promotur u fl-ittra uffiċjali li nħarġet qabel il-ftuħ tal-kawża, il-Qorti tqis illi tabilħaqq kien hemm ftehim illi l-ħlas lura tal-ammont misluf isir fuq pagamenti mensili fuq medda ta' tmintax-il xahar.

7. Issa kif inhuwa magħruf, il-fatt waħdu li debitur jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas b'rati li jkunu miftehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu ma jwassalx għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata s-self, xi ħaġa li ma tirriżultax fil-każ odjern[12]. Madanakollu huwa ċar għall-Qorti illi meta fit-tweġiba tiegħu tas-7 ta' Lulju 2023 l-intimat laqa' għall-ittra uffiċjali tar-rikorrent billi mhux biss qallu illi l-ammont mitlub ma kienx ċert, likwidu u dovut, iżda inoltre qallu ukoll illi t-talba tiegħu *kif esperita hija infondata fil-fatt u fid-dritt,* l-istess intimat kien qiegħed bl-aġir tiegħu jixħet f'dubbju serju l-eżistenza tal-kreditu pretiż. Iffaċċjat b'din is-sitwazzjoni l-Qorti tqis illi d-debitur tilef il-benefiċċju taż-żmien u għalhekk il-kreditur kellu kull dritt illi jipproċedi immedjatament kontra l-intimat minflok ma joqgħod jistenna t-terminu tal-ħlas jgħaddi mingħajr ma jirċievi imqar pagament wieħed.

**Deċiżjoni**

8. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent b'dan illi:**

    1. **tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta' sebat elef euro (€ 7,000) rappreżentanti ammont misluf lilu *brevi manu* liema ammont baqa' ma tħallasx,**

    2. **tikkundanna lill-intimat jħallas din is-somma lir-rikorrent bl-imgħaxijiet legali mis-7 ta' Lulju 2023 sal-effettiv pagament,**

---

[11] Fol 3
[12] Ara, per eżempju, P.A. 26.3.1957 fil-kawża fl-ismijiet **Borġ vs Vella Muscat** (Kollez. Vol: XLI.ii.948)

3. **tikkundanna lill-intimat iħallas ukoll l-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur